Mellieħa

18 ta’ Diċembru 2025

# ID-DISA’ KUNSILL

## AĠENDA Numru 20a

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru 20a li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f’Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tlieta, 23 ta’ Diċembru 2025 fl-4.00pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista’ eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**

---

### AĠENDA

20.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.3 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

20.5 Mozzjoni dwar l-għoti ta’ onorefiċenzi u apprezzamenti fl-okkażjoni ta’ Jum il-Kunsill 2025;

20.6 Estimi Finanzjarji 2026 u l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità;

20.7 Performance Bonus Appraisals 2025 tal-Impjegati tal-Kunsill;

20.8 Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta’ Provisti u Servizzi; u

20.9 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

**7.5.** Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera L. Darmanin, li tgħid:

“Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta’ Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta’ “Ġieħ il-Mellieħa” u “Rikonoxximent il-Mellieħa” sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b’eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta’ eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;

Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fl-14 ta’ Novembru 2025, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta’ Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tal-24 ta’ Novembru 2025, liema rapport ġie diskuss waqt is-seduta tal-Kunsill li saret fis-26 ta’ Novembru 2025;

Billi l-kriterji dwar in-numru ta’ onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-“Ġieħ” għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda”, filwaqt li l-unur tar-“Rikonoxximent” jista’ jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;

Iżda billi l-kriterji jipprovdu wkoll li ex-Sindku u ex-Kunsillier li serva f’żewġ kunsilli huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, kif ukoll li kunsillier li serva f’kunsill wieħed jikkwalifika għal “Rikonoxximent il-Mellieħa” li iżda din id-darba ma kienx hemm persuni li jikkwalifikaw;

Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta’ l-unur “Apprezzament il-Mellieħa”;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza “Ġieħ il-Mellieħa” għandha tingħata lil:

- Is-Sur Philip Vella – Kontribut indeskrivibbli fil-Qasam Mużikali;

filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur “Rikonoxximent il-Mellieħa”:

- Is-Sur Paul Mifsud – Volontarjat fi ħdan għaqda mużikali;
- Is-Sur Jeffrey Sammut – Volontarjat fil-qasam letterarju;
- Is-Sinjura Joyce Vella Dean – Volontarjat fi ħdan għaqda sportiva

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur “Apprezzament il-Mellieħa”:

- Dun Peter Paul Sultana –. Amministrattur tal-Parroċċa ta’ San Ġużepp, il-Manikata

Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fis-Seduta tas-26 ta’ Novembru 2025, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ħamis, 11 ta’ Diċembru 2025, fil-lukdanda Paradise Bay Hotel, iċ-Ċirkewwa.”. (A/5/3/1/Vol XVII)

Loridana Darmanin
Proponent

John Buttigieg
Sekondant